MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1567/2005

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Anthony Tabone sija bil-polza u sia bil-Ligi**

**vs**

**Grech Ernest**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Jannar 2005 li permezz tieghu l-atturi talbu hlas tas-somma ta'mija u tnejn u sebghin Liri Maltin u tlett centezmu (LM172.03) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'l-incident awtomobilistiku tas-7 ta' Mejju, 2003 fi Triq San Bartolomew, Qormi bejn il- vettura bin-numru ta' registrazzjoni MIS 306 misjuqa minn Claudine Tabone, u

l-vettura bin-numru Ta' registrazzjoni BAR 705 misjuqa mill-konvenut, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fit-25 ta' Frar 2005, u sussegwentement gie notifikat b'l-avviz ta' riappuntament fil-21 ta' Awissu 2006 naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira maltija u tlett centezmi (LM172.03) bl-imghaxx u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------